**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

**LAQGHA TAL-KUNSILL**

**Id-39 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tlieta 24 ta' Novembru 2015 fil-5:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Aġenda**

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Aġġudikazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti QLC – PC 49/15**
4. **Hlas tal-*Membership* fil-programm Leader**
5. **Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2016**
6. **Jum il-Qrendi 2016**
7. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
8. **Finanzi**
9. **Aġġornament**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Minuti tad-39 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru 2015 fil-5:30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fit-8:30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tat-38 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

2. **KORRISPONDENZA**

2.1 Inqrat Memo 30/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 30/2015 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali għall-2015 (Jannar sa Diċembru).**

2.2 Inqrat Memo 30/2015, mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 30/2015 – Attivitajiet Kulturali 2016.**

2.3 Inqrat Memo 31/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 31/2015 – Proġetti kurrenti ta' natura kapitali mwettqa mill-Kunsilli Lokali.**

2.4 Inqrat Memo 32/2015, mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 32/2015 – Espressjoni ta' Interess għall-Impjieg ta' Persuna b'Diżabilita'.**

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Europe for Citizens Contact Point Malta – Training Seminar for Executive Secretaries – Friday 13 November 2015 – Pre-invitation.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ittra dwar ir-Reġistru Elettorali ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Ottubru 2015.**

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***URGENT ATTENTION*** **– PQ 18445 Eżerċizzju dwar l-applowdjar fuq il-website [www.lc.gov.mt](http://www.lc.gov.mt)**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Cleavon Vella għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***URGENT – PQ 20130.***

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 20131.**

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***For Your Attention*** **– PQ 20659 – Dejn jew telf akkumulat sal-aħħar ta' Settembru 2015.**

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***For Your Attention*** **– PQ 20701 – Kunsill Lokali – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ.**

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***For Your Attention*** **– PQ 20703 – Kunsill Lokali – Zebra Crossings għal persuni neqsin mid-dawl.**

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***For Your Attention*** **– PQ 20860 – Kunsill Lokali –** ***Fixed Pavement Publicity Sign.***

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Cleavon Vella għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 21137.**

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Cleavon Vella għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kabinett: Triq Gregorju Mifsud.**

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Robert Tabone għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Updates għal Cabinet***.

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ilmenti lill-Kabinett.**

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Silvio Frendo għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Reviżjoni tar-Reġistru Elettorali għall-Elezzjoni Ġenerali Ottubru 2015.**

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Applowdjar ta' Dokumenti fuq is-sit www.lc.gov.mt**

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Termination/Employment/Progression of Staff during October 2015.***

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Accumulation of Vacation Leave from 2014 to 2015.***

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Performance Appraisals* għas-sena 2015.**

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marica Axiaq għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case No. 576/15 – Local Councils Gov Applications Access List.***

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marica Axiaq għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case 616/15 – Malta Road Safety Council – Road Safety considerations.***

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Margaret Psaila għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Payment Issued – Cultural Activities.***

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria A Sammut għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Laqgħa tas-Sindku u l-Ispettur tad-distrett.**

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Presentations: ECP Malta 2015 – Training Seminar for Executive Secretaries, Administrative Local Council Representatives/EU Funding officials – 13/11/2015.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***URGENT – Europe for Citizens Contact Point Malta – Information Session for All Local Councils within the Southern Region – Tuesday, 1st December 2015 – Pre-invitation.***

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Avukat Angele Vella bit-titlu **Il-Hidma t-Tajba.**

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Joan Agius, *Secretariat Pool* fis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Gvern li Jisma'.**

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Gladys Vella, *Associate Consultant* fil-*Management Efficiency Unit* tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, bit-titlu ***Clarification Please Qrendi LC*** **servizz.gov.mt:** ***request for feedback by 19 Oct.***

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Gladys Vella, *Associate Consultant* fil-*Management Efficiency Unit* tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, bit-titlu **servizz.gov.mt** ***Access Rights of Staff.***

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 51/2015 – Laqgħa għas-Sindki u Viċi Sindki, is-Sibt 14 ta' Novembru 2015, Palazz Verdala, il-Ġonna tal-Buskett.**

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 52/2015 – Stedina lill-Kunsilli Lokali għal wirjiet kulturali.**

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Circular LCA Circ. 53/2015 – Invitation for Tree Planting.***

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 55/2015 – Laqgħa għas-Sindki u Viċi Sindki, nhar is-Sibt 14 ta' Novembru 2015 fil-Palazz Verdala, il-Ġonna tal-Buskett – Aġenda u Minuti.**

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 56/2015 – Sejħa għall-proġetti iffinanzjati mill-UE Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni.**

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Circular LCA Circ. 57/2015 – US Embassy and LCA Activity.***

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Circular LCA Circ. 58/2015 – Access to Employment Scheme.***

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Communication: Local cooperation projects.***

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni, bit-titlu ***Europe for Citizens Contact Point – Business Breakfast – Citizenship & Democracy – Thursday 19 November 2015 – Pre-invitation.***

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni, bit-titlu ***ANSEK's 3rd Annual Conference.***

2.43 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Joe Attard, *Chairperson* tal-GAL Xlokk, bit-titlu **GAL Xlokk Membership Fee (2014-2020) Programm LEADER**.

2.43.1 Is-Sindku David Schembri qal li hu għandu ċertu riservi dwar il-ħlas tas-sħubija tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi fil-GAL Xlokk, u dawn ir-riservi jikkonċernaw il-fatt li l-Kunsill Lokali jkollu jħallas sabiex jissieħeb mal-GAL Xlokk, filwaqt li l-NGOs u entita' governattiva mhuma jħallsu xejn.

2.43.2 Barra minn hekk staqsa wkoll kif NGOs li huma reġistrati barra mir-Reġjun xorta waħda qegħdin jitħallew jissieħbu mal-GAL Xlokk.

2.43.3 Is-Sindku ppropona li xorta għandna nissieħbu imma nagħmlu dan b'ċertu riservi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.43.4 Spjega kif għalkemm il-Kunsill Lokali ħa fondi mill-GAL Xlokk, xorta waħda m'għandu l-ebda saħħa fejn jidħlu d-deċiżjonijiet, imbagħad entitajiet oħra li huma privati u li ma jħallsux sabiex jissieħbu mal-GAL Xlokk, ikunu huma li jiddeċiedu fejn imorru l-fondi, u dan minħabba li huma jinsabu fil-maġġoranza fid-*decision committee* fl-istess GAL Xlokk.

2.43.5 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li jaqbel mal-proposta tas-Sindku u ried li jkun aċċertat li l-Kunsill Lokali jissieħeb imma b'riservi.

2.43.6 Għaldaqstant il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandna nissieħbu imma b'riservi.

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu **GAL Xlokk *Membership.***

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, *Director Operations* ma' LESA, bit-titlu ***LESA – Regional Enforcement Officers – REO.***

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Grace D'Amato, *EU Funds Manager* fl-Aġenzija tal-Pagamenti Agrikoli u Rurali, bit-titlu ***M313/M323 Tender Review Exercise.***

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Grace D'Amato, *EU Funds Manager* fl-Aġenzija tal-Pagamenti Agrikoli u Rurali, bit-titlu **Mistoqsijiet fuq Miżura 313.**

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Bernice Gatt, mill-Aġenzija tal-Pagamenti Agrikoli u Rurali, bit-titlu **M413.A5: Qrendi – 3469/13.**

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Stephan Micallef, *EU Project Officer* fl-Aġenzija tal-Pagamenti Agrikoli u Rurali, bit-titlu ***Qrendi LC – M413.A5 – Location Queries.***

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Pisani, *Assistant Director (Payments)* fl-Aġenzija tal-Pagamenti Agrikoli u Rurali, bit-titlu ***Clarifications on various issues regarding M313 and M323 contracts.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit William Lewis bit-titlu **Appell dwar is-Sejħa għall-Offerti – QLC SACE 49/15.**

2.52 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Joe Debono, CEO tal-*Foundation for Tourism Zone Development*, bit-titlu ***Request by Qrendi Local Council as regards the re-imbursement of costs for additional street lighting and plastering work requirements at Wied iż-Żurrieq and its environs.***

2.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Yanika Borg, *Advisor/Specialist Advisory Services* ma' NexiaBT, bit-titlu ***Tender reviews – Qrendi Local Council.***

2.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Antoinette Conti minn Transport Malta, bit-titlu **Triq is-Siġġiewi, Qrendi**.

2.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Tommy Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***DPN of Half Marathon in* Żurrieq/Mqabba/Qrendi/Safi *and* Kirkop**.

2.55.1 Dwar in-nofs maratona s-Sindku qal li rridu nibdew nagħmlu ċertu kundizzjonijiet jekk inkunu se nagħtu l-permess tagħna u nkunu ċerti li dawn il-kundizzjonijiet jiġu mħarsa.

2.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Tommy Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***DPN of a road race in Qrendi.***

2.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Tommy Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***DPN of a pilgrimage in Qrendi.***

2.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur David Grech, *Charge Nurse* fin-*National Immunisation Services*, bit-titlu ***Appointment re Influenza Vaccine Collection.***

2.59 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Dorothy Scicluna, *Senior Staff Nurse* fid-Dipartiment tal-Kura Primarja, bit-titlu ***World Diabetes Day events – Monday and Tuesday 16th and 17th November.***

2.60 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Deborah Pace, Assistent Prinċipal fiċ-Ċentru għall-Iżvilupp, Riċerka u Taħriġ, bit-titlu **Taħriġ fil-Lingwa**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Maltija li ser isir nhar l-1, it-3, ir-4 u s-7 ta' Diċembru 2015.**

2.61 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Angela Vella, *Lifelong Learning Coordinator*, bit-titlu ***Peer Learning Activity.***

2.62 Inqrat ittra mibgħuta mill-Avukat Ramona Frendo minn Frendo Montebello – Advocates, dwar *claim* fuq ħsara li saret lil vettura fi Triq Rokku Buhagiar.

2.62.1 Is-Sindku qal li dwar din l-ittra qegħdin immexxu bl-Avukat Joseph Sammut, li fil-preżent huwa l-Avukat li qiegħed jirrappreżenta l-Kunsill Lokali.

2.62.2 Qal li diġa' bagħtna tweġiba għal din l-ittra, issa naraw kif se nipproċedu.

2.63 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Nadia M Camilleri, *Office Executive* fl-Enemalta, bit-titlu ***Shifting of Lamp in* Triq San Niklaw, Qrendi.**

2.63.1 Is-Sindku qal li din id-deċiżjoni kienet purament tal-Enemalta, u s'issa l-bozza għadha ma tneħħietx.

2.63.2 Spjega kif bħala Kunsill Lokali se nistennew lir-residenti stess sabiex jgħidulna fejn iridu li titwaħħal il-bozza, ħalli jekk ikun hemm min jaċċetta li titwaħħal mal-faċċata tiegħu, nibdew il-proċess tal-applikazzjoni.

2.64 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Amanda Massa, f'isem il-Perit Henry Attard, bit-titlu ***MEPA – Pending Payment.***

2.65 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Ritianne Borg minn Technoline, bit-titlu **Kaxxa għad-Defibrillator.**

2.66 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Cynthia Amato mill-programm LEAP!, bit-titlu ***Chrismtas Event* – Ċentru LEAP għax-Xlokk – *Tue 29th December 2015.***

2.67 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joe Debattista mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, bit-titlu **Premju Nazzjonali tal-Ktieb invit.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.68 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-MEUSAC, bit-titlu **Sejħa għall-proġetti iffinanzjati mill-UE.**

2.69 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Surġent Sonia Anne Parascandolo, mill-Għassa taż-Żurrieq, bit-titlu **Referenza rigward rapport ta' vettura abbandunata.**

2.70 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Ray Abela, Direttur maniġerjali ta' TCTC, bit-titlu ***Job Placement.***

2.71 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marilyn Debono mit-TCTC, bit-titlu ***ETC Scheme Agreement – Att: Exec. Sec.***

2.72 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Carmen Attard, *Customer Care Executive* fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, bit-titlu **Il-Premju Frans Sammut.**

2.73 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Nicolette Bugeja mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' (KNPD), bit-titlu **Stedina għall-Konferenza Nazzjonali tal-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilita'.**

2.74 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Waste Recycling Officer* ma' GreenPAK, bit-titlu ***Clothes Collection.***

2.75 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Waste Recycling Officer* ma' GreenPAK, bit-titlu **Kalendarju 2016 – Skeda tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli.**

2.76 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Daniel Tabone, *Senior Operations Manager* ma' GreenPAK, bit-titlu ***Glass Collection on 1st January 2016.***

2.77 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Doreen Micallef minn WasteServ Malta Ltd., bit-titlu **WasteServ – Attivita' fix-xahar ta' Diċembru.**

2.78 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Justine Buttigieg bit-titlu ***Extra-Curricular Activities in Qrendi.***

2.79 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Tricia Dawn Williams, *Sub-Editor*, bit-titlu ***ENCORE #4 Calendar – call for cultural events – Local Councils.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.80 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Michelle Barbara, *Sales & Marketing Executive* fl-Akkwarju Nazzjonali, bit-titlu ***Malta National Aquarium – Group offer.***

2.81 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Chris Balzia bit-titlu **Talba għad-Dettalji tal-għaqdiet fil-lokalita' tagħkom.**

2.82 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Anthony Zammit, Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija tal-Qrendi, bit-titlu **Attivita' Ottubru – 2015.**

2.83 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Eugene Baldacchino bit-titlu ***Reserved Parking.***

2.84 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Patsy Chetcuti bit-titlu ***Performance at Day Centre.***

2.85 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mersia McKay bit-titlu ***Rubbish Problem!***

2.86 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Naomi Newbould bit-titlu ***Wedding at Maqluba.***

2.87 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Galea bit-titlu ***Wedding Venue.***

2.88 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Nadine Pace bit-titlu ***Wedding at the Chapel dedicated to St Matthew*** **(Tal-Maqluba).**

2.89 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Nathalie Fenech bit-titlu ***Complaint.***

2.90 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Daniel Bonnici bit-titlu **Dawl fi Triq ta' Wied iż-Żurrieq.**

2.91 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elena Koustas bit-titlu **Attn: Chris.**

2.92 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Jelena Ganza bit-titlu ***To the Mayor re cutting down trees.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.93 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Lisa Brincat bit-titlu ***Street Lamp.***

2.94 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Kunsillier Olympia Sant Mifsud bit-titlu ***60, Main Street.***

2.94.1 Is-Sindku qal li hemm bżonn li l-boroż tal-iskart domestiku jinħarġu mill-persuni li jkunu qegħdin jużaw is-sala, kif ukoll li l-post jinżamm nadif.

2.94.2 Żied li fl-aħħar ġranet is-sala ingħatat tindifa tajba ħafna u issa huwa fid-dover ta' min jużaha li din is-sala tinżamm nadifa.

## 3. AĠĠUDIKAZZJONI TAS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – PC 49/15

3.1 Is-Sindku qal li s-sotto kumitat iffurmat sabiex jevalwa u jaġġudika din is-sejħa iltaqa' u saret l-evalwazzjoni uffiċjali.

3.2 Qal li fl-ewwel laqgħa tas-sotto kumitat inħolqu numru ta' domandi li ġew mistoqsija li kull offerent meta saru l-intervisti magħhom.

3.3 Żied li l-punti ngħataw fuq diversi kriterji li kien hemm qbil fuqhom waqt il-laqgħa tas-sotto kumitat.

3.4 Is-Sindku staqsa lill-membri tal-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi mistoqsijiet ta' kjarifika dwar din is-sejħa u talab lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon sabiex jaqra r-rapport tas-sotto kumitat.

3.5 Wara li nqara r-rapport, li jinsab bħala Appendiċi A ma' dawn il-Minuti, is-Sindku ppropona li għandna nagħżlu l-offerta tas-Sur Brian Borg u l-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 4. HLAS TAL-*MEMBERSHIP* FIL-PROGRAMM LEADER

4.1 Din il-materja diġa' ġiet diskussa u ttieħdet deċiżjoni fuqha f'Minuta 2.43 f'dawn l-istess Minuti.

## 5. AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2016

5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li s-sotto kumitat tal-Festival Agrarju tal-Patata huwa ffurmat.

5.2 Spjega kif intbagħtu talbiet lis:
Sa. Paula Cutajar
Sur John Cachia
Sur Karmenu Farrugia
Sur Raymond Farrugia
Sur Jurgen Xerri

5.3 Qal li minn dawn kienu s-Sinjuri Karmenu Farrugia, Raymond Farrugia u Jurgen Xerri li aċċettaw li jkunu parti mis-sotto kumitat tal-Festival Agrarju tal-Patata 2016.

5.4 Żied li anke l-istaff tal-Kunsill Lokali, jiġifieri s-Sa. Stephania Grixti u s-Sa. Stephanie Caruana ngħaqdu mas-sotto kumitat.

5.5 Spjega kif ix-xewqa tiegħu hi li sal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali jkunu saru laqgħat mas-Sur Raphael Xerri u s-Sur Michael Caruana.

5.6 Qal li d-data tal-Festival se tkun nhar il-Ħadd 29 ta' Mejju 2016.

5.7 Żied li l-programm tal-Festival prattikament se jkun bħal ta' din is-sena u fl-applikazzjoni kellna wkoll inniżżlu pjan ta' tliet snin li jwassalna sa Valletta 2018.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.8 Is-Sindku qal li rridu nħarsu lejn il-post fejn se jsir il-Festival 2016. Qal li rridu niddeċiedu jekk nibqgħux nagħmluh fiż-żona tal-Warda, inkella nsibux x'imkien ieħor, bħal per eżempju ċ-ċentru tar-raħal jew inkella f'Misraħ il-Maqluba.

5.9 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li kieku jkun isbaħ jekk isir fiċ-ċentru u l-qalba tar-raħal.

5.10 Is-Sindku qal li rridu nikkunsidraw kollox, anke fejn se joqgħodu dawk kollha li jarmaw l-istands tagħhom f'dan il-Festival. Żied li rridu naraw jekk il-każini jaċċettawx li l-Festival isir fiż-żewġ pjazez.

5.10.1 Kompla jħeġġeġ sabiex issir laqgħa tas-sotto kumitat l-ewwel qabel nibdew niltaqgħu mal-i*stakeholders* kollha li se jipparteċipaw f'dan il-Festival.

## 6. JUM IL-QRENDI 2016

6.1 Is-Sindku David Schembri qal li Jum il-Qrendi 2016 se jiġi ċċelebrat nhar il-Ħadd 21 ta' Frar.

6.2 Qal li hu jipproponi li s-serata ta' Ġieħ il-Qrendi 2016 għandha ssir fis-sala tal-Iskola Primarja tal-Qrendi fejn hemmhekk se jkun qiegħed isir il-kxif tal-bust ta' Dun Santu Agius li se jkun qiegħed jitpoġġa fl-Iskola Primarja.

6.3 Ippropona li s-serata għandha tkun bħal sentejn ilu, jiġifieri li ssir is-serata ta' Ġieħ il-Qrendi s-Sibt 20 u Jum il-Qrendi 21 ta' Frar 2016.

6.4 Il-format tas-serata mużiko-letterarja se jkun simili bħalma kien ta' din is-sena.

6.5 Is-Sindku tkellem ukoll dwar Ġieħ il-Qrendi u staqsa jekk għandniex nibdlu l-proċedura dwar kif jingħata dan il-Ġieħ.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.6 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa wkoll jekk is-sotto kumitat ta' Ġieħ il-Qrendi għandux ikun indipendenti mill-Kunsill Lokali.

6.7 Is-Sindku wieġeb li dak huwa l-ideali, li huwa bħala Sindku jkun iċ-Ċermen tas-sotto kumitat imma l-persuni l-oħra jkunu minn barra l-Kunsill Lokali. Qal li hu jkollu biss *casting vote* f'dan il-Kumitat.

6.8 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li b'kollox għandu jkun hemm 8 membri fis-sotto kumitat, u wieħed minnhom ikun is-Sindku.

6.9 Sar qbil unanimu wkoll li ninvolvu s-Soċjetajiet Mużikali f'dan is-sotto kumitat u għaldaqstant se nibagħtu lis-Soċjetatjiet sabiex jinnominaw żewġ persuni sabiex jiffurmaw parti minn dan is-sotto kumitat. It-tliet persuni l-oħra se jiġu magħżula mill-Kunsill Lokali.

6.10 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li fl-ittra li tintbagħat lis-Soċjetajiet Mużikali jrid jitniżżel li l-persuni magħżula għandhom ikunu persuni maturi u ma jistgħux ikunu parti mit-tmexxija tas-Soċjeta'.

## 7. <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

7.1 Is-Sindku David Schembri qal li kellna laqgħa mad-Direttorat għat-Tindif u tkellimna dwar it-tindif ta' Triq il-Karwija fejn sallum il-ġurnata diversi persuni jitfgħu ħafna ħmieġ.

7.1.1 Qal li għal nofs Jannar 2016, membri mid-Direttorat għat-Tindif se jiġu sabiex inaddfu din iż-żona kif ukoll se jinstallaw CCTV cameras sakemm ikun hemm bżonn.

7.1.2 Żied li se jkunu qegħdin inaddfu wkoll parti minn Triq il-Providenza minħabba li hemm ħafna ħmieġ ukoll.

7.1.3 Spjega kif minbarra dan it-tindif se nkunu qegħdin naħdmu mill-qrib

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

mal-Iskola Primarja tal-Qrendi sabiex issir kampanja edukattiva f'dan ir-rigward.

7.2 Is-Sindku qal li saret laqgħa mal-MEPA, Transport Malta u l-PPCD dwar Triq is-Siġġiewi.

7.2.1 Spjega kif din il-laqgħa talabha l-Kunsill Lokali u dan minħabba li waqaf ix-xogħol f'din it-triq u l-Kunsill Lokali ried li s-sitwazzjoni tiġi riżolta kif fil-fatt ġara.

7.3 Is-Sindku tkellem dwar il-laqgħa għas-Sindki u l-Viċi Sindki u qal li matul din il-laqgħa ġiet diskussa s-sistema l-ġdida tal-LESA.

7.4 Is-Sindku qal li bħala Kunsill Lokali attendejna żewġ laqgħat tal-*Europe for Citizens*.

7.5 Is-Sindku tkellem ukoll dwar kors li attenda għalih is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon u qal li dan il-kors kien *Train the Trainer*.

7.5.1 Spjega kif parti minn dan il-proġett kien li s-Segretarju Eżekuttiv jattendi għal *study visit* fi Brussell għal tliet ijiem u l-Kunsill Lokali ma daħal fl-ebda spejjeż ta' din is-safra.

7.6 Is-Sindku tkellem dwar il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u qal li fis-sezzjoni tar-riċerka għandna żewġ kotba bħala lokalita', u żied li s-serata se ssir fit-2 ta' Diċembru 2015.

7.7 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett *Arts in Public Spaces* u qal li għalkemm kellna proposta li waslet sal-aħħar fażi, din ma ntgħażlitx mas-sitta li ntagħżlu finalment.

7.8 Is-Sindku qal li fil-ġurnata t'għada għandhom jattendu grupp ta' żgħażagħ mill-Youth CHOGM fejn hu se jkun qiegħed idawwarhom mal-lokalita' u stieden lill-Kunsillieri u Ambaxxatur sabiex min ikun jista' jattendi għal din iż-żjara.

7.8.1 Żied li se jkun qiegħed jipprova li bejn il-5pm u s-6pm jeħodhom fil-każini tas-Soċjetajiet Mużikali tal-lokal.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.9 Is-Sindku tkellem dwar l-iskema li bħalissa l-Kunsill Lokali qiegħed jipparteċipa fiha, dik ta' ġbir ta' ħwejjeġ. Din l-iskema qiegħda ssir mill-GreenPAK sabiex jiġu mgħejjuna Nature Trust.

7.9.1 Fil-fatt qal li aktar kmieni llum diġa' telaq l-ewwel trakk mimli bil-ħwejjeġ, u dan għandu wkoll jiġi f'xi ġranet oħra minħabba li l-ġbir għadu għaddej u n-nies qegħdin jikonkorru.

7.10 Is-Sindku tkellem dwar il-*bus stops* ta' Triq il-Kastiljani u Triq il-Biżantini u qal li issa dawn tneħħew u twaħħlu fi Triq it-Tempesta u fi Triq San Mattew minħabba r-rotot il-ġodda li se jibdew minn Diċembru li ġej.

7.10.1 Qal li hemm rotta li se tkun qiegħda tgħaddi minn quddiem San Vinċenz de Paule, imbagħad se tkun qiegħda tiġi l-Qrendi, fejn se tgħaddi mill-Maqluba u anke minn quddiem Ħaġar Qim u minn fuq il-'Ħnejja'.

7.10.2 Żied li r-rotot li se jkunu affettwati u li se jikkonċernaw il-Qrendi huma: 72, 74, 117 u 218.

7.10.3 Spjega kif din se tkun parti mit-tielet fażi ta' riforma tat-trasport pubbliku u qal li meta jkollna aktar informazzjoni uffiċjali nkunu nistgħu ngħadduha lir-residenti.

7.11 Is-Sindku qal li wasal iż-żmien li bħala Kunsill Lokali noħorġu s-sejħa għall-offerti għas-servizz ta' Avukat.

7.11.1 Spjega kif fil-preżent qegħdin naħdmu b'*direct orders* imma hemm bżonn li noħorġu din is-sejħa minħabba li l-ispejjeż tal-avukat qegħdin jitilgħu ġmielhom.

7.11.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku u s-sejħa għall-offerti għandha toħroġ fil-ġimgħat li ġejjin.

7.12 Is-Sindku tkellem dwar xogħolijiet ta' għoti ta' wiċċ ġdid ta' tarmak li saru permezz ta' fondi ERDF.

7.12.1 Qal li bħala Kunsill Lokali proponejna numru kbir ta' toroq li għandhom isiru u s'issa saru parti minn Triq Misraħ is-Sinjura, parti minn Triq il-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Panorama kif ukoll Triq is-Siġġiewi.

7.12.2 Spjega kif saret l-għażla liema toroq se jsiru, skont l-ammont ta' bdiewa li għandhom l-għelieqi f'dawn it-toroq.

7.12.3 Żied li Triq Misraħ is-Sinjura, fl-opinjoni tiegħu, ma saritx skont is-sengħa tal-bini tat-toroq, u bħala Kunsill Lokali diġa' tkellimna mal-Perit li kien inkarigat minn din it-triq, fejn jidher li ttieħdu xi kampjuni għat-testijiet.

7.12.4 Is-Sindku qal li issa jkunu jridu jsiru s-sinjali biż-żebgħa, sinjali tat-triq kif ukoll mirja.

7.12.5 Dwar Triq Misraħ is-Sinjura staqsa jekk huwiex ideali li din issir *one way*, jiġifieri li d-dħul f'din it-triq ikun biss minn Triq San Nikola u k/ma' Triq San Niklaw isir il-ħruġ biss.

7.12.6 Dwar Triq il-Panorama s-Sindku qal li din għadha ma tlestiex 100%, għaliex hemm parti, minn k/ma' Triq Ħaġar Qim sa k/ma' Triq San Niklaw li għadha ma saritx.

7.12.7 Żied li bħala Kunsill Lokali se nkunu qegħdin nagħmlu ħilitna sabiex niċċekkjaw meta se titkompla din it-triq.

7.12.8 Dwar Triq is-Siġġiewi s-Sindku qal li l-bieraħ tlesta' t-tarmak kollu ta' din it-triq imma ninsabu xi ftit konċernati dwar il-qlib tal-ilma u qed nistennew li se jkollna l-problemi meta tagħmel ix-xita għax qegħdin inbassru li f'ċertu żoni se joqgħod l-ilma.

7.12.9 Qal li rċevejna petizzjoni mingħand xi bdiewa li għandhom l-għelieqi f'din it-triq fejn talbu li Triq is-Siġġiewi ssir kollha, sal-kappella ta' Santa Katarina, u dan b'mod speċjali minħabba l-qlib tal-ilma.

7.12.10 Żied li anke f'din it-triq hemm bżonn li jsiru t-tabelli u s-sinjali neċessarji għax bħala triq ġiet tajba ħafna u ma rridux li jkollna xi inċidenti gravi.

7.13 Is-Sindku tkellem dwar is-sinjali tat-traffiku u ż-żebgħa ta' mal-art ta' Triq il-Panorama u qal li dawn saru mill-Koperattiva tat-Tabelli u s-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Sinjali minħabba ċ-CHOGM u allura bħala Kunsill Lokali rnexxielna niffrankaw il-flus.

7.14 Is-Sindku wera' wkoll id-diżappunt tiegħu li ħadd m'avża lill-Kunsill Lokali li l-kapijiet taċ-CHOGM kienu se jgħaddu minn Triq il-Panorama, għall-attivita' li kellha ssir f'Ħaġar Qim.

7.14.1 Qal li rnexxielna nsiru nafu minn fuq il-gazzetti lokali u wara li għamilna xi telefonati.

7.15 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li huwa diżappuntanti li l-kapijiet taċ-CHOGM mhumiex se jgħaddu minn ġol-Qrendi.

7.16 Is-Sindku tkellem dwar l-istatwa tar-'Ruħ' li tinsab fi Triq iż-Żurrieq u qal li jidher li kważi wasalna.

7.16.1 Qal li rnexxielna nsibu ritratt ta' kif kienet din l-istatwa meta ġiet restawrata fis-sena 2000 u din se tiġi tiswiena inqas minn €1,165 u allura nistgħu nagħtu *direct order*.

7.16.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li din għandha ssir minn *Agius Stone Works* u għandha tkun lesta sa Jum l-Omm 2016.

7.17 Is-Sindku tkellem dwar l-artikli miktuba mill-Kunsillieri għall-fuljett li għandu jinħareġ ix-xahar id-dieħel.

7.17.1 Huwa tkellem dwar artiklu ta' Kunsillier partikolari u qal li jkun ideali jekk paragrafu partikolari jiġi rivedut.

7.17.2 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li min-naħa tagħha tixtieq li żżomm dan il-paragrafu hekk kif kitbitu.

7.17.3 Is-Sindku wieġeb li jekk kemm-il darba dan il-paragrafu se jitħalla, huwa se jkollu juża' r-*right of reply*, sabiex jikkjarifika ċertu punti.

7.17.4 Il-Kunsillier Sant Mifsud qalet li fis-serata ta' Ġieħ il-Qrendi 2015 hija kienet oskurata għax kien hemm min ma ħadilhiex b'idejha fuq il-palk.

7.17.5 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li jaqbel mal-proposta tas-Sindku dwar

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

li ma nqajmux polemiċi ġodda meta issa jidher li s-sitwazzjoni ikkwietat.

7.17.6 Il-Kunsillier Sant Mifsud baqgħet tisħaq li ma tħossx li għandha tirrevedi dak il-paragrafu partikolari.

7.17.7 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon qal li b'dawn il-battibekki kollha, huwa ma kienx lest li jibqa' jieħu ħsieb il-fuljett tal-Kunsill Lokali.

7.17.8 Is-Sindku saħaq li la hu u ħadd mill-Kunsill Lokali ma kellu xi aġenda partikolari lil min għandu jingħata Ġieħ il-Qrendi 2015, kif ġie insinwat fl-imsemmi artiklu.

7.17.9 Il-Kunsillier Sant Mifsud qalet li hi mhijiex lesta tirrevedi l-artiklu u għaldaqstant talbet biex l-artiklu tagħha ma jkunx inkluż fil-fuljett.

7.18 Is-Sindku tkellem dwar esebizzjoni mill-*Old Motors Club*.

7.18.1 Spjega kif kien ikkuntattjat minn persuna sabiex issir esebizzjoni tal-karozzi sabiex jinġabru fondi b'risq id-Dar tal-Providenza.

7.19 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar il-*Weekend Break* u qal li dan tħassar wara li ma kellniex konkorrenza, forsi minħabba ċ-CHOGM u anke l-attivitajiet tal-Milied.

7.20 Il-Viċi Sindku qal li fid-19 ta' Diċembru se ssir is-solitu ħarġa għal Għawdex fejn se nkunu qegħdin inżuru Bethlehem f'Għajnsielem, kif ukoll xi wirjiet oħra.

7.21 Il-Viċi Sindku tkellem dwar in-nofs maratona li saret ftit tal-jiem qabel u qal li din ħabtet vera ħażin minħabba li dakinhar kienet ukoll il-ġurnata fejn kellha ssir il-quddiesa fiċ-ċimiterju tal-Qrendi.

7.22 Il-Viċi Sindku tkellem dwar xi persuni li joqgħodu fi Triq Dun Nerik Mahoney u li qegħdin joħorġu l-borża tal-iskart domestiku kmieni filgħaxija.

7.22.1 Talab lill-Kunsill Lokali sabiex tintbagħat ittra lir-residenti ta' din it-triq forsi s-sitwazzjoni tiġi riżolta b'dan il-mod.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.23 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li kellem lill-kuntrattur tal-iskart domestiku sabiex jara kif ikun l-aħjar li jinġabar l-iskart mill-każini tal-lokal.

7.23.1 Qal li hu ppropona li dan għandu jiġbru għall-ħabta tat-8:30am.

7.23.2 Is-Sindku wieġeb li l-kuntrattur tagħna għandu wkoll il-lokalita' taż-Żurrieq u allura ma nistgħux nippretendu żżejjed minnu.

7.23.3 Qal li diġa' kienet ħafna li tlabnieh jibda nofs siegħa tard, fis-7:30am minflok fis-7am, u żied li mal-każini għandna naslu għal arranġamenti oħra u mhux li l-iskart tagħhom jinġabar tard.

7.24 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq żewġ proposti sabiex jinġabru fondi b'risq id-Dar tal-Providenza.

7.24.1 Ippropona li għandu jinxtara presepju li mbagħad jittella' b'lotterija, kif ukoll jinbiegħ il-lariġ tal-Ġnien tal-Kmand, bil-flus kollha jmorru għal din id-Dar.

7.24.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' dawn il-proposti.

## 8. <u>FINANZI</u>

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €20,172.35c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 11/15 u €62.23c skont il-*Petty Cash* Ref S/10.

8.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

8.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Kunsill Lokali qabel unanimament.

9. **AĠĠORNAMENT**

9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 28 ta' Diċembru 2015 fit-3pm.

9.2 Is-Sindku ppropona li din il-laqgħa għandha tinbeda qabel minħabba li nkunu fi żmien il-Milied u l-Ewwel tas-Sena u kulħadd ikun impenjat mal-familja tiegħu.

9.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-ġurnata u l-ħin tal-laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |